MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 892/2002/1

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**
**vs**

**France u Pauline Catania**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur nominee fid-9 ta' April 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1320.30) import ta' 15-il kambjala (Dok 1 sa Dok 15) minnhom accettati u ffirmati li d-data tal-maturita' taghhom skadiet u baqghu ma thallsux, prezz ta' karozza lilhom mibjugha u konsenjata.**

**Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fit-2 ta' Mejju, 2002 fejn intqal:**
**Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont kollu mitlub thallas kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Antoine Vassallo, Joseph Grixti u John Sultana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi din il-kawza qed issir ghal hlas ta' hmistax-il kambjala (15) allegament dovuti fuq prezz ta' karozza mibjugha lill-konvenuti. Kopja tal-kambjali inkwistjoni gew esebiti ma' l-avviz u dawna jammontaw b'kollox ghal elf tlett mija u ghoxrin lira u tletin centezmi (Lm1320.30).**

**L-attur ikkonferma li dawn il-kambjali ma thallsux u nnota illi meta klijent ma jhallasx il-Bank, li hu ghandu arragamenti mieghu, jdur fuq il-kont ta' l-attur. Dana gie konfermat minn Joseph Grixti Head of Department, Bills Unit tal-Bank Of Valletta Limited u esebixxa specimen li jindika li l-konvenut ma kienx hallas.**

**In oltre John Sultana, credit controller ma' l-attur qal li kien avvicina ma' l-attur dwar il-kambjali inkwistjoni u dan wieghed li kien ser ihallas u ma hallasx.**

**It-Tribunal innota li l-konvenut baqa' ma gabx provi insostenn ta' dak li qed ighid fl-eccezzjonijiet sollevati minnu.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' elf tlett mija u ghoxrin lira u tletin centezmi (Lm1320.30), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------